MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 776/1999/1

Avviz Nru 776/99DM

Maltacom p.l.c.

Vs

Paul Marmara u b'digriet tal-25 ta' Ottubru, 2002, gie kjamat in kawza Gino Agius

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija, wiehed u tletin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm431.95) rappresentanti ammonti ta' arretrati dovuti lill-istess socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizz

tat-telephone numru 687594 u dan wara t-talba tieghu ghall-installazzjoni ta’ linja tat-telephone (Dokument A).

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-15 ta’ Ottubru, 1998 u bl-imghaxijiet legali mil-15 ta’ Ottubru, 1998 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut permezz ta’ liema huwa ecceppixxa illi:

1. L-ammont mitlub mhux dovut kollu ghaliex is-servizz tat-telefon fuq in-numru meritu ta’ dina l-kawza kien difettuz u ma kienx qed jiffunzjona ghal zmien konsiderevoli kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u fil-fatt tnehha mill-istess socjeta’ attrici;
2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha tal-25 ta’ Ottubru, 2002, fejn ordnat il-kjamata fil-kawza ta’ Gino Agius;

Ikkonstatat illi l-istess Gino Agius debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici;

Rat in-nota ta’ cessjoni pprezentata mill-kumpanija attrici fis-27 ta’ Jannar, 2005, permezz ta’ liema cediet il-kawza fil-konfront biss tal-konvenut Paul Marmara, filwaqt li zammet ferm il-pretensjonijiet taghha fil-konfront tal-kjamat fil-kawza Gino Agius;

Rat il-Kapitolu ghas-subizzjoni ta’ Gino Agius, u rat illi dan naqas li jidher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni;

Semghet il-provi li gew prodotti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Illi fil-konfront tal-konvenut Paul Marmara l-kumpanija attrici rrinunzjat ghat-talba u ghaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba attrici fejn jirrigwarda l-konvenut Paul Marmara.

Fil-konfront tal-kjamat fil-kawza Gino Agius jirrizulta mill-ammissjoni ta' l-istess kjamat fil-kawza illi fil-perjodu relevanti kien hu li kien qieghed jiggestixxi n-negozju tieghu fil-lukanda Ramla Lodge, Bajja ta' San Tumas, f'Wied il-Ghajn fejn il-linja bin-numru 687594 kienet installata.

Jirrizulta wkoll illi mill-'itemized bills' ipprezentati mir-rappresentant tal-kumpanija attrici, Saviour Farrugia, illi l-kjamati kollha li saru fuq din il-linja, almenu dawk li saru lokalment u fuq 'mobile phones' lokali, huma kjamati li effettivament saru mill- kjamat fil-kawza, Gino Agius, kif ammetta huwa stess fid-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti u fejn ma ta ebda spjegazzjoni ghaliex huwa m'ghandhux jigi tenut responsabbli ghall-hlas ta' dawn il-kjamati.

Infatti ghalkemm il-kjamat fil-kawza allega illi huwa ghandu diversi linji telefonici nstallati fil-fond tieghu, huwa ma gabx il-prova li kienet tispetta lilu illi, tal-kjamati illi l-atturi qieghdin jippretendu li jithallsu f'din il-kawza, huwa diga' gie addebitat fil-kontijiet li jirrigwardaw in-numri l-ohra tal-linji telefonici nstallati fil-fond tieghu.

Ghaldaqstant mill-provi prodotti ssib illi effettivament huwa l-kjamat fil-kawza Gino Agius illi huwa responsabbli li jhallas tal-kjamati li saru fuq il-linja bin-numru 687594 u konsegwentement qieghda tilqa' it-talba attrici fil-konfront tieghu u ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz qed tikkundanna lill-kjamat fil-kawza Gino sive Eugenio Agius sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' erba' mija, wiehed u tletin liri Maltin u hamsa u disghin centezmi (Lm431.95), bl-imghaxijiet legali b'effett mill-15 ta' Ottubru, 1989.

Bl-ispejjes kontra l-kjamat fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------